MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 6/2005/1

**Nazzareno Zammit**

**vs**

**Anthony Desira**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Gunju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentata mill-attur fis-6 ta' Jannar 2005 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dik is-somma likwidata minn din il-Qorti, anke bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur ta' l-appalt li gie ezegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fir-razzett fi Triq ir-Ramla, Zejtun, nieqes is-somma ta' tmien

mitt lira Maltin (Lm800) gja mhallsa minnu akkont ta' l-istess appalt.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 21 ta' Lulju, 2004 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur ta' l-appalt ma jeccedix tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut Anthony Desira fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament u qabel ma jinhatru l-periti, l-ewwel irid jigi stabbilit n-natura shiha ta' l-appalt miftiehem bejn il-partijiet;
2. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dan stante illi ma hemm ebda bilanc dovut mill-konvenuti;
3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma pretiza mill-attur mhix dovuta stante l-fatt illi kien l-attur stess illi abbanduna l-lant tax-xoghol minghajr ebda raguni valida u l-konvenut sofra danni minhabba dan in-nuqqas ;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghal kull azzjoni ohra li jista' jintavola l-konvenut.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet illi l-attur wettaq xogholijiet ta' tibjid u tikhil fir-razzetta tal-konvenut fl-inhawi ta' Triq ir-Ramla, Zejtun.

Il-kontroversja bejn il-partijiet qeda dwar it-tip ta' ftehim li kien hemm bejnithom. Filwaqt li l-attur jirrikonoxxi illi ma kien hemm ftehim fuq prezzijiet, il-konvenut jghid li kienu ftehmu li l-attur iwettaq ix-xogholijiet kollha fir-razzett

ghas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000). Lanqas ma hu kkuntestat li l-konvenut hallas tmien mitt lira Maltin (Lm800) akkont lill-attur.

Irrizulta mill-provi illi l-attur wettaq xogholijiet fir-razzett tal-konvenut u dawn ix-xogholijiet damu sejrin bejn wiehed u iehor disa' (9) xhur, minn Awissu sa April tas-sena ta' wara. Ghad illi ma kienx hemm ftehim fuq il-prezzijiet, ix-xahx u r-ramel kellu jkun a karigu tal-konvenut u jidher illi hekk sar hlief ghal xi ftit vjaggi li ghalihom l-attur hallas hames liri Maltin (Lm5). Dan ta' l-ahhar kellu jaghmel xoghol ta' tikhil fuq il-partijiet antiki tar-razzett kif ukoll fuq il-partijiet godda illi kienu telghin minn Zaru l-bennej.

L-attur jghid illi huwa jahdem il-pixkerija, liema xoghol jibda kmieni filghodu u jispicca wkoll filghodu u ghalhekk ikollu l-gurnata kollha sabiex jaghmel xoghol iehor. Kien imur fir-razzett tal-konvenut wara nofs inhar u jibqa' sejjer sad-dlam. Jirrikonoxxi, illi peress illi ma jsuqx, mhux l-ewwel darba li l-konvenut kien imur ghalih Marsaxlokk biex iwasslu r-razzett u anki jiehdu lura. Dan ukoll jidher illi kien isir minn David Desira, bin il-konvenut.

Ghal dawk illi huma hlasijiet, l-attur qieghed jippretendi hmistax-il lira Maltin (Lm15) kuljum, ghal gurnata ta' disa' jew ghaxar sieghat. Il-konvenut kien ihallas mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar b'akkont u b'kollox tah tmien mitt lira Maltin (Lm800). Izda meta ra li l-pagamenti waqfu, l-attur ma baqax iwettaq aktar ix-xogholijiet.

Din hija kontrastata mill-konvenut [fol. 23] illi jghid illi kien hemm ftehim illi x-xoghol kollu kellu jsir ghas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u l-materjal kellu jkun ghalih. Ma kienx hemm hinijiet fissi meta l-attur kien jibda x-xoghol u kien ifalli hafna granet. Skond il-konvenut kull ma fadallu jhallas hija s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) biss.

Izda l-Qorti tirrileva, oltre x-xhieda tal-partijiet involuti, ma kien hemm hadd indipendenti illi jista' jixhed dwar il-vera ftehim illi ntalhaq bejnithom.

Ikkunsidrat :

Illi fix-xhieda pprezentata mill-attur hemm dokument a fol. 20 tal-process illi huwa notamenti illi ghamel l-istess attur li jirriflettu l-granet kif ukoll l-ammonti u bilanci illi ghandu jaghti l-konvenut. L-ewwel kolonna tirrifletti l-granet illi l-attur hadem kull gimgha. B’kollox, skond din il-lista, jihder illi hadem sebgha u tletin (37) gimgha, li jgibu bejn wiehed u iehor disa’ xhur kif xehed l-istess attur. B’kollox hemm mija u disgha u disghin (199) gurnata, li bi hmistax-il lira Maltin (Lm15) kuljum, igibu l-ammont ta’ elfejn, disa’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm2,985). Dana wkoll huwa vicin l-ammont li qed jitlob l-attur, illi skond hu, l-kont finali kellu jkun ghas-somma ta’ elfejn, disa’ mija u sittin lira Maltin (Lm2,960), li minnhom l-attur naqqas tmien mitt lira (Lm800) li hallas il-konvenut, biex hekk jibqa’ bilanc ta’ elfejn, mija u sittin lira Maltin (Lm2,160).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti jidhrilha illi, apparti l-mod stramb li gie redatt dan id-dokument a fol. 20, li jirrifletti n-nuqqas ta’ edukazzjoni skolastika illi seta’ kellu l-attur, il-Qorti jidhrilha illi l-ammont ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) kuljum, kif qed jippretendi l-attur huwa esagerat, peress illi mhuwiex probabbli illi huwa kien jahdem minn disa’ sa ghaxar sieghat kuljum, meta tqies illi x-xoghol kien jibdih wara nofs inhar. Pero’ zgur illi l-attur wettaq xogholijiet fir-razzett tal-konvenut illi minnhom ibbenefika l-konvenut u ghalhekk huwa gust li l-attur jithallas ta’ dan ix-xoghol illi ghamel, liema xoghol jidher illi sar a sodisfazzjon ta’ l-istess konvenut peress illi dana mhuwiex qed jallega illi ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Ghalhekk, il-Qorti *arbitrio bona viri*, jidhirlha illi jkun gust li l-attur jithallas bir-rata ta’ ghaxar liri (Lm10) kuljum, fejn allura jgib total ta’ elf, disa’ mija u disghin lira Maltin (Lm1,990). Minnhom iridu jitnaqqsu l-ammont ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) li thallsu mill-konvenut. Dan ihalli bilanc ta’ elf, mija u disghin lira Maltin (Lm1,190), li huwa l-ammont li din il-Qorti sejra tikkanonizza favur l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u disghin lira Maltin (Lm1,190) rapprezentanti bilanc dovuti lill-attur ghall-appalt illi gie esegwit minnu fuq inkarigu tal-konvenut fir-razzett fi Triq ir-Ramla, Zejtun.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut."

Fl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut iqanqal diversi obbjezzjonijiet li, fil-kumpless, jikkonsistu fi kritika ta' l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti tal-fatti probatorji. Hekk hu jillanja illi r-rata applikata ghax-xoghol ezegwit mill-attur messha kienet ferm aktar baxxa u l-Qorti ma kellhiex toqghod fuq il-kontenut tal-karta pprezentata mill-attur, anke minhabba l-inkonsistenza ta' din max-xhieda tieghu. In sintesi, hu jinsisti li l-versjoni tieghu tal-ftehim kienet aktar kredibbli minn dik ta' l-attur;

Mill-atti jirrizulta illi l-attur gie inkarigat mill-konvenut jaghmel xoghol ta' tikhil u tibjid fir-razzett ta' dan. Prezzijiet ma ftehmux minn qabel imma matul il-perijodu li hadem fih l-attur, il-konvenut kien jghaddilu hlasijiet akkont. Dan skond il-versjoni ta' l-attur ghaliex, invece, skond il-konvenut, kien gie akkordat prezz fiss ta' elf lira (Lm1000) ghax-xoghol kollu. Hu dan il-kuntrast fil-versjonijiet li ta lok ghall-istanza promossa mill-attur;

Kjarament minn dawn il-ftit fatti johrog li l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet tikkwalifika bhala wahda ta' *locatio operis* kif definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Dan il-provvediment ma jispecifikax f' hiex ghandu jikkonsisti l-hlas u wisq anqas kif ghandu jkun dan il-hlas (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 559**). L-istess ligi, pero`, fl-artikolu sussegwenti (1624) tahseb ghas-sitwazzjoni fejn ma jkunx gie stabbilit il-hlas jew fi ftehim, jew b' ligi jew b' uzu. Dan taghmlu billi tassenja lill-gudikant il-funzjoni ta' arbitratur, f' liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi.

Minn dan jitnissel illi l-hlas ghandu jigi determinat skond kriterju ekwitativ, ispirat ghall-proporzjonalita` tal-korrispettiv man-natura, id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol. Jinghad a propozitu illi "fil-lokazzjoni ta' xoghol personali jigi kkunsidrat ix-xoghol stipulat, mill-punto di vsita tat-tul tieghu, fil-kwalita` taz-zmien li dak li jkun jahdem ghas-sid" (**Kollez. Vol. L P I p 187**);

Anke jekk is-sentenza appellata ma tesprimix ruhha f' dawn it-termini stretti ta' dritt, huwa ben car illi dak li ntqal hawn fuq kien sew fil-*forma mentis* tal-Qorti meta ghaddiet biex tirrizolvi l-mertu tal-kontestazzjoni bl-applikazzjoni tar-regola ta' l-*arbitrio boni viri*;

Issa l-appellanti jitlaq mill-punt fejn hu jikkwerela l-uzu idoneju ta' din ir-regola mill-Qorti biex jispicca bl-osservazzjoni illi kwazi, kwazi lanqas kien hemm il-htiega ta' l-applikazzjoni taghha ghaliex il-Qorti kellha taffida r-ragonament taghha eskluzivament fuq il-bazi tal-versjoni tieghu, ossija tal-ftehim appattwit skond prezz fiss;

In linea ta' principju generali jrid jinghad illi, skond gurisprudenza konkordi, il-valutazzoni tal-provi mill-Qorti ta' l-ewwel grad hi insindikabbli minn Qorti ta' revizjoni jekk din tirrizulta logika u koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati, u hi sostenuta minn ragonament ben motivat. Dan qed jigi ribadit in kwantu hu bil-wisq ovvju illi bl-ilmenti tieghu l-appellanti qed jittanta jirrikorri ghal certi provi parzjali bl-iskop li jikkontrapponi ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza l-valutazzjoni proprja tieghu;

Ir-ri-ezami li ghamlet din il-Qorti tal-provi processwali ma jsostnux l-argomenti prospettati mill-appellanti fid-doljanzi tieghu. Fir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Fl-ewwel lok ma jidherx li jista' jigi accettat l-assunt ta' l-appellanti illi l-prezz tax-xoghlijiet kien preventivament iffissat *a corpo*, ossija *a forfait*. Dan anke ghaliex, skond ibnu stess, il-ftehim kien "bl-imqietgha" (ara deposizzjoni ta' David Desira a fol. 34). Ftehim bhal dan normalment jimplika "*piece work*" kalkolat jew skond kejl ghal kull unita ta' xoghol jew bi tant kuljum skond il-granet lavorattivi;

(2) Kien certament jinkombi fuq l-attur li jforni prova ta' l-entita u tal-konsistenza tax-xoghlijiet esegwiti minnu in kwantu l-gudikant ma jistax jiddetermina l-prezz ta' hwejjeg indeterminanti u, fuq kollox, ma jistax jaghti l-okkazjoni lill-attur li jallega, li jissotraji ruhu mill-oneru probatorju inkombenti fuqu. Fil-kaz prezenti l-attur gab din il-prova u l-ewwel Qorti dehrilha li mill-kuntrast intervenut bejn il-partijiet fuq il-materja tal-prezz kellha taghzel din il-prova bhala l-aktar wahda attendibbli, anke jekk fl-istess waqt ma accettatx ir-rata gjornaljiera stabbilita mill-attur;

(3) Ma jidherx li l-ewwel Qorti ffissat il-kalkolu taghha fuq il-bazi ta' gimghat imma pjuttost fuq il-granet tax-xoghol effettiv (199) indikati fid-dokument ipprezentati mill-attur. Dokument dan li dwaru jkollu jinghad li ma giex ikkuntrastat ghal dik li hi l-veracita` tal-kontenut tieghu mill-appellanti. Jikkonsegwi ghalhekk illi l-gudizzju tad-determinazzjoni tal-prezz maghmul dwaru mill-ewwel Qorti ma jistax, u ma ghandux, jitqies impunjabbli;

(4) Hemm raguni ghal dan. Kien fil-poter diskrezzjonali tal-Qorti adita mill-mertu li, mill-provi migjuba fil-gudizzju, tqis dawk l-aktar attendibbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha. Tali ezercizzju, fil-fehma ta' din il-Qorti, gie sew adoperat. Dan anke ghaliex it-test tal-verosimiljanza f' dan il-kaz jiffavorixxi ferm aktar lill-versjoni ta' l-attur milli dik tal-konvenut u l-ewwel Qorti ghamlet sew li akkoljietha.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------